# IN-NAHLA

TA'

# AGOSTINO LEVANZIN

## GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

**Ġiebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.**

IL POETA LATIN ORAZJU.

**7.** **17 TA' OTTUBRU 1908.** **L-EUUEL SENA**


## FTEHIM.

In-"Naħla" joħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tiegħu hu:— għal ta'l Belt, ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra mill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal inkas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

l-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imseħbin ġodda, 'ntuh tiegħu, għal sena b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭegħduna li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Iscbejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— Valerju Caruana. P.L.;— L-Ispettur G. Darmanin-Demajo, P.L.;— A. German, P.L.;— Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Għal premjijet jista jidħol m'hux biss min icun imsieħeb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokgħod għal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Naħla".

Il manoscritti ma 'nreġġhuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Giovanni fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

## EMIGRAZZJONI.

Nistħajjel li x'ŭħuc igħidu li: "Chemm il mniefaħ sejjer iddum tredden fuk din l-imbierca emigrazzjoni? Hemm tant fuk hiex titħaddet, sib xi ħaġ'oħra u din chissirha."

Jecc ġbidt ftit f'it-tul għamiltu apposta; għaliex nifhem li f'dana il mument l-ebda qŭistjoni ma hi actar ta'ħtieġa minn dic ta'l l-emigrazzjoni li tcarcar maħha il qŭistjonijiet l-oħra ta'l frustieri u ta't tkankil f'Malta ta'l cummerċ u ta'l industriji. Hemm, tasseŭ, ħafna ħŭejjeġ sbiħ oħra li fukhom ŭieħed jista jitħaddet u jati pjacir, iżda kabel il pjacir u il ġmiel hemm il bżonn ta'l ħobż u il qŭistjoni ta'ż-żakk tiżbok lil l-oħrajn collha. Mela ħalluni ingħidilcom l-aħħar chelmtejn fuk dina l-emigrazzjoni u nati tmiem.

Xi sena u nofs ilu cont tħaddit ma'l Ammirall Fisher u ma's-segretarju Merewether fuk dina il qŭistjoni u meta stakseŭni il għala il maltin ma riedu jafu bl-ebda mod bl-emigrazzjoni ŭiegibthom li ŭaħda m'ir-raġunijiet chienet dina: li m'hux b'iżżejjed billi il ŭieħed tgħidlu emigra, jecc ma tgħinux u ma tiftaħlux għajnejh chif, u fejn għandu jemigra. X'jisŭa li lil

# Il Mistoksija oħt il Għerf

**Chemm jildu l-annimali ?** (P. B. Il Belt).

L-iljunfant, u il gemel-mara, id-debba u l-iljuna jildu actarx ŭieħed biss;. iżda l-iljuna xi dakkiet tagħmel sa ħamsa jeŭ actar f'dakka ucoll. Il fenca mansa hi 'msemmija għal cotra ta' żrameċ li tagħmel; tibda tiled meta jcun għad għanda biss sitt xhur, u tferraħ seba botonijiet f'is-sena, u cull boton icun fih minn erbgħa sa tnax jeŭ iżjed! Jecc titlak par fniec flimchien għal erba snin u ma toktlilhom l-ebda żarmuċ milli jildu, u tħalli ucoll da'ż-żrameċ ibejjtu flimchien, għandec issib ma dŭar il miljun u qŭart ta' fniec imnisslin collha m'il l-eŭŭel par li tlakt. Il fniec cotru tant fl-Aŭstralja li chellhom joħolku ligi biex jekirduhom. F'in-New South Wales ma dŭar elfejn ruħ huma impjegati biex ma jagħmlux ħaġ'oħra ħlief jekirdu daŭna il fniec. F'il pajjis ta' Victoria, fl-Aŭstralja, m'il 1870 l-haun, intefku ma'l 100,000 lira biex jekirdu daŭna il fniec; n hemm imŭiegħed rigal cbir lil min għandu ħila jsib xi ħaġa li biha jekridhom għal collox..

**Liema huma l-ogħla monumenti ta'd-dinja ?** (G. G. Misida).

| | |
|---|---|
| It-Torri Eiffel ta' Parigi | 984 pied |
| Il Monument ta Washington fl' Istati Uniti, (America) | 555 ,, |
| Il Piramida il Cbira ta'l Egittu | 451 ,, |
| Il Piramida ta's-Sultan Shafra fl-Egittu | 447 ,, |
| It-Torri Torazzo, fi Cremona (Italja) | 396 ,, |
| It-Turretta ta'l Campnar ta Bruges f-il Belgiu' | 350 ,, |
| Li Statŭa ta'l Libertà ta' Bartholdi hi 105 piedi għolja bla ma ngħoddu id-djadema tagħha; iżda it-tul minn riġlejn l'istatŭa sa tarf it-torca li kiegħda iżżom f-ida hu ta' 137 pied u 9 puzieri. Hi kiegħda fuk piedistall ta'l granit, għoli 83 pied. Bniedem, tŭil sitt piedi, jecc ipoġġi b-sakajh fuk ix-xuftejn ta'l ŭiċċ ta' dina l-istatŭa chemm chemm jilħak b-idejh il ħŭiegeb tagħha. Cull għajn, min rocna għal rocna, hi tŭila kama sabiħa. | |
| It-Torri Giralda ta Siviglia fi Spanja hu għoli | 275 pied. |
| It-Torri ta' l-Asinelli (Bolonja) fl-Italia | 274 ,, |
| Il monument ta' Bunker Hill fl'Istati Uniti ta'l America | 221 ,, |
| Il Monument ta' Londra | 202 ,, |
| It-Torri Immejjel ta' Pisa, fl-Italja | 179 ,, |
| Il Colonna ta' Lulju, f'Parigi | 164 ,, |
| L'Arc Trionfali ta' Parigi | 163 ,, |

**Lil M. G.** (Sliema)

Trid taf fejn tieħu it-tifla biex tbiddlilha ftit l-arja ŭara il marda li chella ? Ħudha f'il "Lucanda Zammit" Strada St: Antonio No 7 u 8, Ħal Lija, fejn hemm cmamar cbar u mdaŭŭlin, ichel m'il l-aħjar u nadif; fejn tcun mokdi b'il ħeffa u il ħlas hu moderat ferm. Jecc tipprova nitma li toħroġ tiftaħar.

**Chemm ilhom jeżistu il ħŭienet tal cafe' ?** (P. S. Il Belt)

Fl-1,563 chien hemm ġà elfejn ħanut ta'l cafè f'il Cajr. Is-Sultan Ŭigi Erbatax xorob l'eŭŭel chiccra cafè li saret fi Franza fl-1,644. Dac iż-żmien libbra cafè chienet tkum 5 liri u 16 il xelin.

L'eŭŭel ħanut ta'l cafè li nfetaħ f-Londra chien dac ta' Edwards, f-Newman's Court, fl-1652. L'eŭŭel ħŭienet ta'l cafè dehru f-Parigi fl-1672; u sa żmien is-Sultan Ŭigi Ħmistax chien hemm ġa ma's-600. Il-lum il ġurnata fi Franza jaħlu ma'r-ratlejn u nofs cafè f'is-sena cull ras; u m'hux actar minn qŭart f'is-sena cull ras fl'Ingħilterra. Iżda f'il Brażil jaħlu ma's-7 t-irtal f'is-sena cull ras.

**Tasseŭ li haŭn belt taħt l-art. ?** (B. C. Ħamrun).

Iva. F'il Galizja, pajjis ta' l-Aŭstrija hemm belt taħt l-art li jisimha "Il Belt ta'l minjieri il mielħa" u li fiha igħammru ma dŭar l-elf ruħ. Din fiha sa cnisja u palazz fejn jinġabru il capijiet ta'dic il belt. Collox hu maktuħ ġo'l melħ, u f'il cnisja hemm ħafna statŭi minkuxa f'il melħ stess.

**Chemm ikum il frott fl-America ?** (R. B. L. Isla).

D'is-sena l-eŭŭel cirasa li laħket fl'America giet m'il California. Meta imbagħtet f-Cicago giebet il prezz ta' disa xelini cull cirasa !

**Tasseŭ li haŭn nies li għandhom żeŭġ t-iklub?** (A. L. L'Imsida).

Iva. Soper, ħaddiem ingliż minn Londra, għandu żeŭġ t-iklub. U il carpintier american Durr, ma ilux, offra biex ibieħ iż-żeŭġ klub li għandu għal ŭara meŭtu.

F'il pajjis ta' Pensilvanja, fl-America, jinsab certu raġel li jismu King u li m'hux biss għandu żeŭġ t-iklub, iżda għandu ucoll żeŭġ saffi custilji ŭieħed fuk l-ieħor.

**Chemm tiflaħ macna ta' vapur ta'l art ?** (R. B. Ħal-Luka).

Macna ta' vapur ta'l art tiġbed daks li jiġbdu disa mitt żiemel marbutin flimchien.

**Tasseŭ li haŭn carti cambjali ta' tliet ħabbiet il ŭaħda ?** (A. M. Il Belt).

Iva. F'il Paragŭaj huma użati hafna il carti cambjali ta' tliet ħabbiet il ŭaħda. Biex tibblacca iż-żarbun tħallas tnejn minn daŭna il cambjalijiet; iżda b-ŭaħda minnhom tixtri, fi żmienu, ħmistax il larinġa, jeŭ tliet bananiet jeŭ dollieħa.

**Liema hi l-aħħar moda fi'l biljetti ta'l visti ?** (B. S. Ħal Tarxien)

Barra minn Malta daħlet draŭŭa sabiħa ħafna f'il biljetti ta'l visti. Minn-naħħa 'l ŭaħda jcun fih it-torok u id-dar fejn ŭieħed jokgħod, biex min jcun irid iroddlu iż-żjara jsib ir-captu malajr fejn jokgħod. Dina, għal bliet cbar bhal ma hemm barra, hi cumdità cbira uisk.

**Jiena għandi lucanda u nixtiek nara x-nagħmel biex niġbed in-nies. Tista ittini xi idea sabiħa ?** (P. B. L'Imdina).

Iva. F-Parigi, ŭieħed proprietarju ta' lucanda gietu dina l-idea sabiħa ferm, biex jiġbed in-nies għal għandu. Fuk cull bieb ta' camra hemm numru. F'l-aħħar ta'cull xahar dana il proprietarju jarfa lotterija ta'n-numri ta'l bŭieb ta'l cmamar li fihom icunu kiegħdin igħammru in-nies, u min jitlagħlu in-numru ta'l bieb tiegħu jieħu b-rigal xahar chera franc f'il camra li jcun kiegħed fiha.

**Chif tgħalli il bajd minngħajr ma tkiegħdu fl-ilma.** (P. L. Sliema.)

F-ŭaħda mill'akŭa lucandi ta' Londra sabu il mod chif igħallu il bajd minngħajr ma ikiegħduh ġo l-ilma. Daŭna għandhom bħal caxxetta bl-elettricità li meta ikiegħdu il bajd fiha, ŭara minuta u nofs jcun lest għal l-ichel.

**Min chien l-eŭŭel ŭieħed li tela f'ballun ?** (P. C, Ħ'Attard.)

L'eŭŭel tnejn li telgħu fl'arja f-ballun chienu l-aħŭa Montgolfier, u dana ġara f'il belt ta' Annonay, fi Franza, fi'l 5 ta' Ġunju ta'l-1783.

**Liema huma l-actar catacombi antichi f'id-dinja ?** (A. M. Calcara).

Huma daŭc ta's-slaten ta'l belt ta'Tebe, li saru ma dŭar erba-t-elef sena ilu. F'il catacombi ta' Ruma hemm midfunin ma dŭar is-sitt miljun ruħ ; u f'daŭc ta' Parigi hemm midfunin ma' dŭar it-tliet miljuni.

**Chemm jitŭieldu nies fl-Inghilterra?** (M. M. Misida).

Jitŭieldu ma dŭar il 120 ruĥ cull siegħa.

**Liema huma l'ogħla Campnari ta'd-dinja?** (A. B. Żejtun).

| | |
|---|---|
| Ta'l Cnisja ta' Ulm | 530 pied |
| Ta'l Cadidral ta' Colonja | 515 ,, |
| Ta'l Cnisja ta' S. Nicola ta' Amburgu | 465 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' S. Stiefnu ta' Vienna | 453 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' Amiens | 424 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' Salisbury | 404 ,, |
| Ta'l Cadidral ta'San Paŭl ta' Londra | 404 ,, |
| Ta'l Cnisja ta' Notre Dame ta' Anversa | 402 ,, |
| Id-Duomo ta' Firenze | 393 ,, |
| Ta'l "Hotel de Ville" ta' Bruselles | 370 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' Milan | 360 ,, |
| Ta'l Cadidral St. Patrick ta' New York | 330 ,, |
| Ta'l Cnisja ta' St. Ansgar, ta' Bremen | 324 ,, |
| Ta'l Palazz ta'l Board of Trade ta' Cicago | 322 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' Norwich | 318 ,, |
| Ta'l Cnisja ta't-Trinità fi New York | 284 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' Lincoln | 265 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' Canterbury | 235 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' Notre Dame f'Parigi | 220 ,, |
| Ta'l Cadidral ta' Ely (Ingnilterra). | 215 ,, |
| Ta'l Cnisja Protestanti ta'l Belt Valletta | 200 ,, |

**Lil M. P.** (Bormla).

Tixtiek taf għand liema ħajjat tmur biex icolloc libsa meħjuta suret in-nies?

Ma għandec bżonn xejn titkankal u tigi il Belt, għaliex hemm Bormla għandcom lil Ġanni Valenzia, li hu ħajjat m'il l-aħjar u jista jħabbatha f'il ŭisa ma'l ħajjata ta'l Belt. Jiena ħett għandu għal żmien twil u dejjem ħriġt cuntent, għaliex iħejt dejjem fuk l-aħħar moda u id-drappijiet tiegħu huma dejjem m'il l-aħjar. Ipprova għandu u ara chif ma jibdielecx.

**Lil E. Valenzia.** (Bormla)

Il għaref Monsinjur Alfredo Mifsud D.D. Canoncu ta'l Cadidral u Bibljotecarju, dac li chiteb dic l-opra famusa "Sovranità inglese in Malta" li giet imfaħħra minn cullħadd u li għaliha cullħadd kiegħed igħoddu bħala ŭieħed minn daŭc li l-actar jifhmu fl'Istorja tagħna, għal din il mistoksija tiegħec "jecc il Maltin chienux jistgħu jsiru Cavalieri ta' S. Ġŭann" ŭiegibni:—

"F'iż-żmien li chien isaltan fuk Malta l'Ordni Gerosolmitan biex issir "Cavalier ta'l Ġustizzja" ta' dana l'Ordni chien jinħtieġ li tcun tŭielidt f'il-limiti ta' ŭieħed m'il prijorati magħrufin m'il-Istatuti ta' dana l'Ordni.

Malta, biex katt ma jista jiġri li malti jilħak Gran Mastru. u b-hecc icun jista jaħchem fuk dana il pajjis, ma daħħluha katt f'il-limiti ta' l-ebda prijorat, u għalecc daŭc collha li chienu jitŭieldu f'di'l gżira chien, magħdudin bħala mitŭielda barra m'il-limiti ta'l prijorati collha u għalecc ma chienu jistgħu jcollhom katt l-unur li jilħku Cavalieri.

Daŭc li chienu jitŭieldu fi Skallija u li chienu imnisslin minn demm malti jeŭ imħalltin miegħu, geŭ dana l-aħħar id-dispensati m'il prova rigorusa ta'n-nobbiltà ta'n-naħħa ta' l-omm, actarx biex ma jatu il jedd lil l-ebda malti li jippretendi li Malta b'xi mod chienet magħduda f'il limiti ta' daŭc il prijorati li chellhom id-dritt li min jitŭieled fihom jista jsir "Cavalier." Fost daŭn ta'l aħħar nistgħu insemmu lil Cavalieri Parisio u Agras.

Il Maltin, u l-actar f'daŭna l'aħħar snin, geŭ imzejjnin b'il "CROCE D'ORO AD HONOREM" bħal ma chienu il Cardinal Fabrizju Xiberras, il Baruni Bascal Xiberras, il General Michiel Xiberras u bosta oħrajn.

Il Maltin chienu ucoll jistgħu jiġu magħduda bħala "CAPPELLANI CONVENTUALI" u bħala "CAPPELLANI TA'L OBBEDIENZA;" li chienu jiġu imkassmin fost il prijorati u jgħixu f'il Cŭnvent. Daŭna chellhom ħafna privileġġi u chienu jistgħu jilħku f'ħafna postijiet sbiħ.

Chien hemm ucoll id-"DONATI" u is-"SERVJENTI TA'L ARMI." Il Maltin chienu jistgħu jsiru minn daŭna ucoll. Id-"Donati" chienu jgibu in-"nofs salib," u cull Berġa chien icollha ŭieħed, illi chien jieħu il ħsieb tagħha. Ara ucoll il paġna 26 ta'l ctieb tiegħi "Sovranità inglese in Malta."

It-tŭiegiba ma tistax tcun isbaħ u aħjar. Milli kiegħed nara l-imsieħbin ta'n-"Naħla" għandom vantaġġ li ma bħalu, li il mistoksijiet tagħhom jiġu imŭieġba m'il l-egħref nies li għandna, u li huma katt ma chienu jistgħu forsi jakilgħu tŭiegiba minn għandom. U min hu dac li ma għandux bżonn jistaksi xi ħaġa? U minn hu dac li ma jridx li iŭieġbuh l'egħref nies ta'l pajjis?

**Lil Alfredo Borg.** (Il Belt).

Staksejtni ingħidlec meta chellu bidu f'Malta l'użu ta'l għonnella fost in-nisa tagħna. Il mistoksija hi sabiħa ħafna iżda hi ħaġa tkila ŭisk biex ŭieħed iŭieġbec chif tixtiek.

Nista ngħidlec li il għonnella hi il mant li chienu jgibu fuk rashom in-nisa ta'l antic, u nista ngħidlec ucoll li il għonnella ta'l ħarir ma hix ħlief iċ-ċulkana ta'r-raħal magħmula minn drapp li jkum actar flus.

Jiena tlabt lil bravu Professur Temistocle Zammit M. D, li hu id-Direttur ta'l Mużeŭ tagħna u għalecc jifhem ħafna f'il ħŭejjeġ antichi ta' pajjisna u dana ŭiegibni:—

"Hi ħaġa diffiċli ħafna li ŭieħed isib il bidu ta'l użu ta'l għonnella-ta'r-ras. Hi ħaġa sgura iżda, li l-istess ghata ta'ras, ftit mibdul, li f'daŭna iż-żmienijiet jużaŭ f'is-Sorija u f'pajjisi oħra ta'Lvant. F'daŭc l-inħaŭi jgibu iċ-ċulkana imŭaħħla ma' kaddhom u xi drabi hi ħaġa ŭaħda ma'd-dublett. Fostna, iżda, iċ-ċulkana ma hi imŭaħħla katt." Dana hu dac li stajna inŭieġbuc aħna; jecc xi ħadd irid igħidilna xi ħaġa aħjar merħba bih.

**Lil S. D.** (Hal Axak).

Il mistoksijiet tiegħec iridu ftit ta'l ħsieb; u il mistoksijiet gejjin gozz gozz. Hu mela ftit ta' l paċenzja, malli jasal ŭaktec inŭieġbec.

**Lil G. Darmanin.** (L-Isla).

Il mistoksija tiegħec bgħattha lil Patri Gundisalv Camilleri, il bravu predicatur dumnican. Malli jibgħatli ir-risposta, inŭieġbec.

**Lil P. M.** (Hal Luka).

Il bravu sacerdot Dun Vincenz Vassallo ta' r-Raħal tiegħec bagħatli "Storja ta' Hal Luka" sabiħa ferm, actar ŭisk milli xtakt int. Iżda billi hi ftit tŭila ingibielec il kuddiem malli icolli il ŭisa.

**Lil C. Barbara, Navy Contractor.** (Il Birgu).

Neŭŭilli xi mument daŭc id-documenti li semmejtli ħalli narahom u ncun nista natic parir fukhom.

**Lil G. Mifsud.** (Hal Axak).

Il mistoksija tiegħec bgħattha għand tliet periti m'il l-aħjar li għandna: P. Calleja, A. Lupi u R. Pitrè. Malli nirciev i ir-risposti, inŭieġbec.

# IL CLERU MALTI

Haŭn xi ftit chiesħin, biex ma ngħidx injuranti, li ħargħuha moda li cull kassis jeŭ patri li jaraŭ għaddej, iridu jgħaddu iż-żmien bih u għalchemm ma jitħajrux jatuh fastidju. Cull tant ucoll tismagħhom jakbdu xi parlata u igħidu sarbut ħmerijiet contra il Cleru biex juru ċar u tond li ma kraŭ katt l-Istorja tagħna; għaliex chiecu daŭc il bluhat ma chienu joħorgulhom katt minn fommhom.

Jiena dehirli li għandi f'in-"Naħla" inŭiegeb lil daŭna, billi nurihom u ingegħilhom imissu b-idejhom li il kassisin u il patrijiet tagħna jisthokkilhom m'hux żeblieħ iżda l-acbar rispett, għaliex il Cleru tagħna dejjem kabeż għal'l poplu biex jiddefendi id-drittijiet tiegħu, dejjem gieb ruħu tajjeb u ta esempju xierak u ta' lil Malta ħafna m'il l-actar għorrief fost uliedha u li bosta minnhom għamlulha unur cbir m'hux biss fostna iżda f'pajjisi oħra ucoll. L'eŭŭel nett ma għandniex ingibu ruħna ħażin ma ħadd, u ħadd ma għandu dritt jagħmlu. Cull ħadd għandu id-dritt jaħsibha chif irid, u jecc ma jcunx jaħsiba bħalec ma għandec l-ebda dritt li iżżebilħu. Jecc ŭieħed għogbu jsir patri jeŭ kassis xi dritt għandec li tiddieħac bih għaliex ma ħux *liberali* jeŭ *modern* bħalec ?

U tista issejjaħ lilec innifsec *liberali* meta ma tatix lil'l għajrec il-*libertà* li jaħseb chif irid ? Irrispetta immela il fehma ta' cullħadd, l-actar jecc ma togħġbocx dic il ħaġa tagħmiliex; iżda li inti iżżeblaħ il fehma ta' dac li ma jakbelx miegħec hu l-eŭŭel nett nukkas ta' educazzjoni u it-tieni hi prusunzjoni cbira li tippretendi li cullħadd għandu jakbel f'il fehma miegħec u l-actar meta b'dina il fehma tiegħec tcun sejjer imkarrak.

Mela, ŭeġġaħ b'kalbec collha lil Cleru Malti għaliex dana dejjem chien għalic sejf u tarca biex iħarislec iddrittijiet tiegħec contra l-egħdeŭŭa. Ma sibtux forsi miegħec, f'cull tkankila li saret biex ma nħallux lil frustier jirfisna u jerdgħilna demmna? Insejt forsi li fl-Istorja tagħna hemm mictubin b'ittri ta'd-deħeb l-ismijiet ta' Mannarinu u ta' Dun Michiel Xerri ? Insejt forsi jeŭ katt ma krajt li il Cleru tagħna dejjem ta' lil pajjis ħafna nies cbar u għorrief li jagħmlu unur lil cull pajjis ? Taf inti li ta il Cardinal Xiberras, il General ta' l Agostinjani, Micallef, l-aħŭa Magri, lil Bencini, lil Patri Inglott, lil Panzavecchia u lil Pullicin, Retturi ta' l Università, lil Kaddis Patri Bjaġju de Opertii, Fundatur ta' l Ordni ma' S. Camillo de Lellis, li ta' il Brighella, lil Cumbo, l-Amato, lil Spiteri Fremond, lil Rigord, lil Burlò, barra minn tant nies cbar oħra f'ix-xjenzi, f'il letteratura, f'is-snajja sbiħ, f'il ħidma għal pajjis, u li biex ma ntaŭŭalx sejjer għal issa inħalli isimhom. Jidhirlec li dac il Cleru li jati lil pajjisu nies hecc cbar u għorrief ħakku iż-żeblieħ ta' xi erba żunżilli chiesħin u injuranti li il għerf tagħhom collu kiegħed f'il ftit romanzi ta'*s-sixpence* li kraŭ, u li jiena sgur katt ma giethom il curżità li jakraŭ l-Istorja ta' pajjishom biex jintebħu li f'cull paġna glorjusa li jsibu għadhom jaraŭ stampat l-isem ta' xi kassis jeŭ patri.

Dana kiegħed ingħidu għaliex cullħadd jaf li jiena ma inhiex fanaticu u lankas bigotta, iżda b'daks hecc ma għaddieli katt minn rasi li nonkos lil Cleru m'il kima li tisthokklu. Il kassis f'Malta ma hux Ministru ta'l Cnisja biss iżda patrijott m'il l-actar imħeġġa biex jakbżu għa'd-drittijiet ta'l pajjis, u għalecc min ma jakbilx f'xi fehmiet magħhom għandu jirrispettahom bħala difensuri tiegħu u ta'd-drittijiet ta'l pajjis.

Ingħid bħal x'ŭħud li għandna xi kassisin jeŭ patrijiet injoranti, xħaħ, għażżenin. Forsi ma hemmx tobba jeŭ avucati jeŭ nutari jeŭ nies ta' professjonijiet u snajja oħra, injoranti xħaħ u għażżenin ucoll ? Forsi f'il professjonijiet l-oħra collha ma hemmx min jiżlok xi żelka bħal ma forsi cull tant jiżlok xi kassis ? U chemm huma f-Malta il kassisin jeŭ patrijiet li jonksu mid-dmir tagħhom ? Ftit, tgħoddom fuk subgħajc. U jidhirlec li għandec tonkos m'il kima lejn il Cleru għaliex ħargu minnu nofs tużżana li jagħmlulu ftit ta'l għajb u li forsi jinsabu fih għaliex chienu sfurzati m'il familja tagħhom biex jilbsu iċ-ċokka jeŭ is-suttana. Ma hemmx forsi xi ftit disonesti f'il professjonijiet l-oħra ucoll ? Għandna 'mela nitilfu ir-rispett tagħna collu lejn l-avucati jeŭ lejn it-tobba għaliex hemm xi żeŭġ avucati li jberbxu xi ħaġa, jeŭ għaliex hemm xi żeŭġ tobba li jagħmlu xi abbuż ?

Le, fjur ŭieħed ma jagħmilx rebbiegħa sħiħa, u ix-xemx, għalchemm għandha ftit tbajja fuk ŭiċċha għadha, katt ma nakkset m'id-daŭl tagħha. Inħarsu lejn id-disgħa u disgħin tajba u m'hux lejn il ŭieħed ħażin, u biex incunu nafu aħjar it-tajjeb ta' dana il Cleru glorjus sejjer nibda minn numru ieħor ingib il ħajja, u fejn nista ir-ritratti, ta' l-egħref patrijiet u kassisin Maltin li chellna, sabiex b'hecc ŭieħed icun jista jirrispetta aħjar lil Cleru Malti. Nuri ucoll is-sehem li dana il Cleru ħa biex jakbeż għal'l pajjisna u l-unur li għamel lil Malta f'pajjisi oħra. U l-eŭŭel ħajja u l-eŭŭel ritratt li sejrin jidhru f'in-"Naħla," f'in-numru li gej, icunu daŭc ta'l Cardinal malti Xiberras, bniedem li għamel unur cbir lil Malta fost il frustieri u li ismu jixrak li ma jmut katt fl'Istorja tagħna.

★

# STORJA TA'L PAPIET

VI.

## S. EVARISTU.

**Saltan għal disa snin, seba xhur u jumejn. Gie maħtur f'is-sena 112 u miet f'is-sena 121.**

Meta il Cnisja ta' Gesŭ Cristu chienet kiegħda iġġarrab b'sabar u b'ħila li ma bħalom, il killa ta'l egħdeŭŭa ħorox tagħha, chellha bżonn ta' cap kalbieni, għaref u mimli b'il ħeġġa biex imixxiha f'it-triek ta'r-rebħ. Dana il mexxej sabitu f'S. Evaristu li laħak ŭara S. Anacletu f'is-sena li semmejna.

Jingħad li dana il Papa tŭieled actarx f'Antiocja, iżda hu sgur li missieru chien lhudi u li chien imnissel m'il pajjis ta' Betlem.

Iċ-Ciacconio, il Bianchini, l-Oldoino, il Bona, il Mabillon u għorrief oħra ifaħħru ħafna il-ligijiet li ħalak dana il Papa biex imixxi aħjar il Cnisja, u l-actar daŭc fuk iż-żŭieġ.

Faħħruh ucoll ħafna S. Ireneŭ, S. Ottatu, S. Epifanju u Santu Ŭistin għal ħeġġa u għal ħrara cbira li bihom chien ikaŭŭi il klub ta' daŭc il ħafna insara kalbiena li la chienu jibżgħu m'it-theddid lankas m'it-turmenti ħorox li chienu iġarrbu biex jistkarru it-tŭemmin ta' Gesù Cristu.

Fi żmienu chien kiegħed isaltan, bħala Imperatur ta' Ruma, Trajjanu u chien kiegħed ifittex li jagħmel ħafna opri cbar biex bihom jorbot ismu għa'ż-żminijiet ta' ŭara; iżda dac li chien kiegħed jagħmel Evaristu, b'it-tagħlim u b'il ħedma tiegħu, chellu, b'il mod il mod, jisbok il cobor ta' dic il belt fierħa li chien kiegħed isebbaħ Trajjanu.

Evaristu chien kiegħed jibni dic ix-Xirka Nisranija li chella ġurnata b'il għŭenaħ cbar tagħha tgħatti id-dinja collha.

Dana il Papa kassam Ruma f'*Titoli*, igifieri f'taksimiet li cull ŭaħda chienet timxi taħt il ħacma ta' kassis, u li daŭna il kassisin collha, imbagħad, chienu jimxu scond ir-rieda ta'l Cap ta'l Cnisja.

Chiteb ħafna ħuejjeġ ta' għerf cbir, iżda billi iż-żmienijiet chienu ħżiena ŭisk ftit sata jibka niezel sa'l-lum m'il chitba tiegħu.

L-Imperatur Adrijanu, meta ra li il Cnisja ta' Cristu chienet gejja hecc il kuddiem, sibel contra l-insara u contra il Cap tagħhom u għalecc tah il martirju f'is-sena 121. Gie midfun fejn S. Pietru f'il Vatican, għaliex jecc il ħila u il għerf ta' dana il Papa chienu cbar bħal ta' S. Pietru hecc ucoll chien xierak li meta jmut martri bħalu jindifen ħdejh.



# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

—"Le, Marija ma chelliha l-ebda ħtija. . . . Marija chienet sejra tcun vittma oħra ta'l ħruxija tiegħu. It-tort li chien sejjer jagħmel lil Marija ried jagħmlu collu lili. Ŭara li ħarbat il familja tagħna u kerdilna l-ommna u lil ħuna, ried issa jidrobni f-ŭaħda m'il ħaejjeġ l'actar għeżież li bakagħli f'id-dinja, billi jeħodli il Marija u jtebbagħla gieħha. Iżda Alla, li jaf chemm inħobbcom, ma riedx u nebbaħni f'il ŭakt biex stajt naħtafha minn ġo 'd-dŭiefer chiefrin minn tiegħu. . . . Malli dħalt fejn Marija chienet għada għaxja. Jiena inxtħett għarcobtejja ħdejn rasha u bdejt imbusa fuk ġbinha chemm niflaħ. Iżda xuftejja chienu niexfa, moħħi chien donnu sponża magħsura, kalbi chienet saret donnha ta's-sufra; chif stajt b'id-demm ta'bniedem għadu jkattar ma'x-xabla li poġġejt ma' genbi, b'il bxara E ommi u ħija geŭ mekrudin minn dac l-infami, b'ir-rabja li ma stajtx inseŭŭeb fuku, darba għal dejjem, il killa tiegħi, inħoss kaŭŭija l-imħabba?

Iżda dac il beŭs, u forsi xi dmugħ li gelben bla ma naf minn għajnejja, u leħni x-ħin bdejt insejħilha b-isimha, gegħluha tistejken, u malli fetħet is-sbieħ għajnejn suŭed tagħha li ma ħarsux ħlief b'il ħerra fuk il Cavalier, u lemħet lili, f'il ħin li għannkitni b-chemm chienet bakgħitilha forza, kaltli:—Ambroġ Alla bagħtec. . . . li ma contx int chiecu jiena mitlufa għal dejjem. . . . u int ma cont katt temmen. . . . u jien ma cont katt incun tiegħec". . . .

—"Hallic minn dan Marija' kalliha malajr Ġannicol ta'Luka li chien kiegħed ftit bogħod minnha jgħasses fukha. "Li chien għadda u mar... basta ħlistha b-ŭicċ il gid...' u x'ħin dar fuki bil ħleŭŭa kalli:— "Broġ, m'hux aħjar naraŭ ninġabrux lejn l'Imdina, għaliex iż-żerniek ma tantx hu f'il bogħod, inti 'mċappas colloc dmija, għandna dina il mara magħna, u aħjar ma'nħallu l'il ħadd jintebaħ b-dac li sar. Xi tgħid? m'hux aħjar nitilku b'il mod?,.."

"Iva," ŭieġibtu jiena, x-ħin komt b'il ŭiekfa, "iva, kiegħed tgħid seŭŭa... sejjaħ lil Ġużepp ħalli jressak iż-żŭiemel... il Marija nieħu ħsiebha jien..."

U x-ħin għidt hecc għajnejja ma nafx chif marru f'il ġnien, u ilmaħt fl-art, taħt it-tieka, bħal ħaġa seŭda mifruxa u staksejt lil Ġannicol x'inhi.

—'Dac il gisem ta' Calanġ, il kaddej misħut l-ieħor ta'l Cavalier, li jiena 'nfidt minn banda għal l-oħra b-dina ix-xabla x-ħin ried jakbeż m'it-tieka biex jaħrab....

—"Mela it-tnejn ħadu li chien ħakkhom. . biss l-inchejja tiegħi hi li minn ġegħi hom jagħmlu li għamlu ħelisha ħixx."

'Ġannicol kabeż minnufih mi't-tieka, mar fejn Ġużepp li chien għadu ma 'ntebaħ xejn b-dac li chien sar, u giebu iż-żŭiemel ŭara il bieb ta'd-dar, mnejn ħriġna jien u Marija, u li jana tallajt ġo ħoġri biex inŭassalha ġo darha fl-Imdina.

'Ġannicol u Ġużepp żammeŭ ftit lura, u Ġannicol beda jgħid ħaġa b-ħaġa lil Ġużepp dac collu li chien ġara f'il ftit ħin li chienu ħalleŭh ŭaħdu; u dana ma stagħġebx bi ftit u ma raddx ftit slaleb meta fehem x-tort icreħ il misħut Cavalier ried jagħmel lili u chif Alla ŭassalni fuku f-il ħin biex naħtafu il priża minn ġo idejh.

'Marija Ingŭaneż, fi ħdani, fi ħdan minn tant iħobbha, ŭara li tgħannakna u tbeŭŭisna chemm flaħna, u ħallatna id-dmugħ ta' xulxin f'dic il lejla kalila għalina, bdiet biex tgħidli chif ŭakgħet geŭŭa idejn dac il baiedem fahxi li għalieh collox chien xierak basta jakta ix-xeŭkat ħżiena tiegħu u jivvendica ruħu minn daŭc li ma jħalluhx jasal fejn tgħidlu rasu.

*(Jissocta.)*



HAREĠ IL CTIEB SABIH

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL HAJJA U B'IRRITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIHA "SAN ĠŬANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOXRIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN HA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH HALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIH.

## XARADA.

Cullħadd għandu minn ta' l'*eŭŭel.*
Cullħadd għandu minn ta' t-*tieni.*
L-*intier* sib għand mastrudaxxa.
Sabiex int tŭiegibni cmieni.

F. Hass (Sliema).

L-imsieħbin li jibagħtu tŭegiba tajba sa nhar it-Tlieta f'il għaxija ingibilhom isimhom f'in-"Naħla."

## TIFSIR TA'L-LOGHOB TA'L GIMGHA L-OHRA

# TAHBIL IL MOHH

Billi tŭiegib irceŭejt ftit ŭisk u l-ebda tŭiegiba ma chienet b'iż-żejjed tajba chif xtakt jien il premju jibka għal logħob ieħor.

Min irid jixtri mobbli m'il l-isbaħ fuk disinn modern u bi prezzijiet irħas imur f'id-depositu ta' Carmelo Delia, 71 u 72 Strada Marina, Bormla.

Ibieh ucoll caŭba, injam ta'l geŭż u injamijiet oħra bi prezzijiet, irħas.

Jaħdem ucoll mobbli b'il cummissjoni f'il fabbrica barra il Mina. ta' S. Tumas.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?

Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.